

Brussell, 29 ta' Mejju 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0143(COD)

9315/19
ADD 1

CODEC 1082
EF 195
ECOFIN 492
SURE 38
SOC 362
IA 152

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka tifhem l-oġġettivi tal-proposta għal Regolament dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP), b'mod partikolari l-isforz biex jinħoloq suq effettiv għal prodotti tat-tielet pilastru f'dawk l-Istati Membri fejn dawn il-prodotti ma jkunux żviluppati biżżejjed. Madankollu, peress li l-proposta hija bbażata fuq ir-regolamentazzjoni settorjali eżistenti tal-UE għall-istituzzjonijiet finanzjarji, ma tippermettix li jipparteċipaw sistemi nazzjonali tat-tielet pilastru mhux armonizzati. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Ċeka tqis li huwa importanti li jiġi ssottolinjat ukoll l-impatt negattiv potenzjali tar-regolamentazzjoni dwar skemi nazzjonali tat-tielet pilastru eżistenti. Hemm riskju potenzjali li l-funzjonament ta' sistemi nazzjonali eżistenti stabbiliti sew ta' prodotti tat-tielet pilastru b'kopertura għolja tal-parteċipanti jista' jiddgħajjef u assijiet li diġà jkunu ġew akkumulati jiġu trasferiti bla effett raġonevoli.

Dikjarazzjoni min-Netherlands

In-Netherlands jinnotaw li saru ċerti bidliet importanti għall-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea. In-Netherlands jinnotaw li l-ftehim jirrispetta l-prerogattiva tal-Istati Membri fuq it-tassazzjoni u li l-Istati Membri jiddeċiedu huma stess jekk l-Istituzzjonijiet tagħhom għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali (IORP) jistgħux jipprovdu l-PEPP. Madankollu, nibqgħu tal-fehma li dan il-ftehim fih wisq atti delegati u jagħti wisq awtorità lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u lill-Kummissjoni. Għalhekk, in-Netherlands ser jivvotaw kontra r-regolament dwar il-PEPP fil-Coreper u l-Kunsill.
